**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Claire Borg]**

**vs**

**Lara Baldacchino**

**Kumpilazzjoni Numru: 403/2019**

**Illum, 30 ta' Gunju, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Lara Baldacchino detentur tal-karta tal-identita` numru 411189M.

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fil-perjodu ta' bejn Mejju 2016 u fi xhur ta' qabel u/jew ta' wara, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprijat ruhha, billi dawret bi profit ghaliha jew ghal persuna ohra, is-somma li tammonta ghal mhux aktar minn hamest mitt ewro (€500), liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u dan ghad-detriment ta' Martha Cauchi, Gian Luca Fenech u Maria Mizzi, u/jew persuni ohra, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghhom jew minhabba depozitu necessarju;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisret il-provedimenti ta' sentenza sospiza moghtija fil-konfront taghha b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. Anthony G. Vella LLD, nhar it-12 ta' Jannar 2017, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikundanna lill-imputata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata tmienja (8) ta' Lulju elfejn u dsatax (2019) li biha ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja;

Rat il-verbal datat erbatax (14) ta' Ottubru elfejn u dsatax (2019) fejn l-akkuzata debitament assistita u waqt l-ezami, ammettiet l-akkuzi kollha kif dedotti kontriha u li tali ammissjoni giet ikkonfermata fis-seduta li fiha nghatat is-sentenza;

Rat ukoll illi fl-istess verbal il-prosekuzzjoni kkonfermat illi l-akkuzata hallset l-ammont kollu dovut lill-vittmi u ghal dan il-ghan id-difiza talbet li jithejja *Pre Sentencing Report* ghall-akkuzata li din it-talba giet milqugha minn din il-Qorti;

Rat ir-rapport tal-*Probation Officer* Ritianne Sultana Grech illi hejjiet ir-rapport wara l-ammissjoni tal-imputata;

Illi f'dan ir-rapport gie konkluz illi:

*"Lara Baldacchino qieghda tigi akkuzata li nhar it-3 ta' Lulju 2008, ikkommettiet misapproprijazzjoni ghad-detriment ta' Gianluca Fenech, Maria Mizzi u Martha Cauchi, liema ammont kien ta' Eur 140. L-Ufficjal tal-Probation ghamlet kuntatt mal-Ufficjal Prosekutur tal-kaz, sabiex tigbor informazzjoni dwar l-imgiba ta' Lara waqt l-interrogazzjoni fil-konfront taghha. Jidher illi s-Sa Baldacchino ikkoperat u kellha imgiba tajba mal-Pulizija.*

*Meta wiehed jaghmel referenza ghall-verzjoni tal-vittmi, it-tlieta li huma qablu illi Lara Baldacchino radditilhom lura l-flus kollha mehtiega. Tnejn mill-vittmi ddeskrivew lill-ikkoncernata bhala bniedma kwieta u puntwali.*

*Harsa lejn il-Fedina Penali tindika li l-imputata kellha kaz wiehed ta' natura simili ta' dan il-kaz odjern.*

*Fir-rigward tal-kundizzjonijiet medici ta' Lara Baldacchino, hija tinsab f'kundizzjoni ta' sahha tajba, kemm fizika u kemm dik mentali.*

*Lara Baldacchino ssostni li t-tfulija taghha kienet wahda stabbli u felici. Hija tiddeskrivi r-relazzjoni taghha mal-genituri u ma' huha bhala wahda pozittiva hafna. Attwalment hija ghandha s-sapport minghand il-familja taghha.*

*Matul il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport, l-imgiba ta' Lara kienet wahda kooperattiva. Hija dejjem attendiet ghall-appuntamenti moghtija lilha mill-ufficjal tal-Probation. Ghalkemm l-imputata hija bniedma ta' ftit kliem, hija kkoperat mal-ufficjal tal-Probation sabiex tipprovdi informazzjoni ghall-fini ta' dan ir-rapport.*

*Lara ssottomettiet ruhha ghal zewg testijiet tal-urina gewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole, liema testijiet irrizultaw fin-negattiv. L-Ufficjal tal-Probation*

*ghamlet ukoll kuntatt mal-Caritas, l-Isptar Monte Karmeli, l-Agenzija Sedqa sezzjoni alkohol, l-Agenzija Sedqa sezzjoni Droga, l-OASI u d-Detox u kollha indikaw li s-Sa Baldacchino qatt ma kellha kuntatt ma' dawn l-imsemmija Agenziji.*

Pjan ta' kura

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ma gewx innotati aspetti li jqanqlu thassib hekk kif l-ikkoncernata tidher li qieghda tghix hajja stabbli u pruduttiva.*

Rakkomandazzjoni

*Fid-dawl tal-informazzjoni migbura jidher li l-ikkoncernata qieghda tghix hajja stabbli fejn hija ghandha xoghol fiss u qieghda f'relazzjoni stabbli ghalhekk qed jigi umilment rakkomandat lil din l-Onorabbli Qorti li Lara Baldacchino tinghata Ordni ta' Servizz fil-Komunita fil-minimu skont l-Artiklu 11 tal-*

> ***Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan ghandu jservi bhala deterrent ghall-imputata sabiex ikun hemm aktar attenzjoni meta jigu fdati f'idha l-flus ta' haddiehor".***

Din il-Qorti, filwaqt li qed tinnota li l-imputata ghandha addebitata lilha l-ksur tas-sentenza sospiza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta datata tnax (12) ta' Jannar elfejn u sbatax (2017), pero' stante li dawn l-akkuzi jirrisalu ghal data qabel din is-sentenza mela kwindi ma jistax ikun hemm tali ksur.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti qed taqbel mar-rakkomandazzjonijiet indikati mill-istess *probation officer* u taghmilhom taghha.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-Artikoli 293, 294 u 310(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 qed issib lill-imputata Lara Baldacchino hatja tal-ewwel akkuza kif dedotta kontriha u tpoggiha taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' ghal hamsin (50)

siegha filwaqt li tilliberaha mit-tieni akkuza stante li ma tirrizultax u liema ordni qed tigi annessa ma' din is-sentenza.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

-----------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**